# GĦAQDA MUŻIKALI MARIJA ANNUNZJATA TARXIEN A.D. 1862



***Hekk kienu jgħixu u jifirħu missirjietna.***

Il-baned Maltin twaqqfu qabel il-każini. Il-każini tal-Banda ġew imwaqqfa meta nħasset il-ħtieġa, min-nies b'sens ċiviku kbir, li jistgħu jagħmlu xogħol volontarju biex magħqudin ikunu jistgħu jkabbru l-festa tar-raħal jew belt, jifirħu u jferrħu.
Il-każini ġew imwaqqfa biex joħolqu ferħ fost il-poplu.
Dawn servew ukoll biex kull min kellu talent artistiku jew artiġjanali jurih u jużah.
L-ewwel ritratt, meħud fl-1912, juri biċċar x'kienu l-ideat u l-ambjent tal-Maltin. F'raħal ta' mhux iżjed minn tlett elef ruħ. Bdiewa, raħħala, ħaddiema tal-faħam u fit-tarzna waqqfu banda ta' 40 ruħ. Mil-minuti ta' din l-għaqda wieħed jista jifhem l-istat ekonomiku xejn tajjeb ta' dawn in-nies. Tant li ħamsa minn dawn l-uniformijiet ġew imħallsa mill-President Onorarju Dr. Daniel Cecy.
F'din l-okkażjoni żanżnu ukoll il-bandiera li tidher wara l-banda.
Tant ħassew li kien importanti dan il-jum li l-kumitat ħafer u reġa aċċetta bħala membri dawk is-soċi li għal xi raġuni kienu sospiżi.

***Hekk qed ngħixu u nifirħu llum***

Xejn inqas ma kien il-ferħ meta fil-5 ta' Mejju 2001 ftit metri 'il bogħod minn fejn kien meħud l-ewwel ritratt ġie inawgurat Plaċier ġdid. Wara sitt snin xogħol minn grupp ta' sitt membri, ġbir kontinwu u għotjiet min-nies ta' Ħal Tarxien ġie inawgurat dan il-Planċier.
Il-kapaċità ta' l-id Maltija tidher fix-xogħol ta' l-injam, skultura, induratura, irħamar, flimkien ma' xogħol ieħor artiġjanali u tekniku. Iżejnu dan il-planċier insibu tminn kandilabri tal-bronz, 4 statwi ta' anġli, żewġ busti ta' kompożituri u statwa kbira tal-Madonna.

